MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Numru. 1222/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Emmanuele Cassar**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Emmanuele Cassar ta' tnejn u sittin (62) sena, bin Domenic u Angela nee` Camilleri, imwieled Malta fis-26 ta' Lulju 1951, residenti 14, Triq

San Publiju, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 655051(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-7 ta' Dicembru 2013 ghall-habta ta' 4.15 ta' filghodu gewwa dawn il-Gzejjer fl-Oracle Casino, Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Tracy Carmella Formosa ID: 79309A permezz ta' tazza tal-hgieg hekk kif iccertifikat minn Dr. R. Camilleri MD ID: 5713 mic-Centru tal-Emergenza tal-isptar Mater Dei.

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fis-seduta tal-lum, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq biex jerga' jahsibha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk din hija sodisfacjentement ippruvata.

Illi  l-fatti li taw lok ghal dan l-incident kienu s-segwenti:-

Illi jirrizulta illi fis-7 ta' Dicembru 2013 ghall-habta tal-4.15am l-parte civile Tracy Carmella Formosa dahlet fl-Oracle Casino, Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar u kienet qieghdha tiehu drink mal-bar. Jirrizulta illi avvicinaha l-imputat pero` hi ma riditx tkellmu u qaltlu diversi drabi biex jitlaq 'l hemm. Pero` l-imputat baqa' hemm u f'hin minnhom qabad lil Tracy Carmella Formosa minn rasha u kissrilha t-tazza li kienet qed tixrob biha go wiccha. Sussegwentement l-istess Formosa giet certifikata li kienet qed tbati minn griehi ta' natura gravi kif jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxat minn Dr. Ryan Camilleri.

Illi ghalhekk jirrizulta li dan kien incident ta' darba in segwitu ghal cirkostanzi fejn l-imputat ipprova jidhol f'konversazzjoni mal-parte civile pero l-istess parte civile ma taghtux wicc bil-konsegwenza li l-imputat spicca kisser tazza f'wicc il-parte civile.

Illi l-Qorti tiddeplora dan l-agir peress li kulhadd ghandu dritt ikellem lil min irid u jekk wiehed ihoss li m'ghandux jidhol f'konversazzjoni ma' certu persuna certament m'ghandux jispicca b'wiccu sfigurat.

Illi dwar il-piena, il-Qorti se tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li mhix xi wahda refrettarja. Se tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni tieghu u l-fatt li l-istess Tracy Carmella Formosa instabet hatja minn din il-Qorti kif presjeduta illi hi stess fl-istess okkazjoni, fost affarijiet ohra, insultat lill-istess imputat.

Il-Qorti semghet ukoll kemm lill-Prosekuzzjoni, lid-difensur tal-parte civile u kif ukoll lid-difiza jaqblu li l-imputat jimmerita li jinghata opportunita` u ma jinghatax sentenza effettiva ta' habs. Illi l-Qorti tirrileva illi ghalkemm certament l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat u ammessa ghandha is-sanzjoni tal-habs, il-Qorti hija tal-opinjoni illi in vista tal-kunsiderazzjonijiet

maghmula hawn fuq, l-ahjar mod li titratta mal-imputat huwa li timponi sentenza ta' prigunerija sospiza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal tlett (3) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sena (1) mill-lum.

Il-Qorti qieghdha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Tracy Carmella Formosa stante li dan kien incident ta' darba u l-parte civile ma tghix regolarment hawn Malta.

Finalment, il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju u car ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sena mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------